EEA Briefing 2006 03

ISSN 1830-5628

# Id-Degradazzjoni kontinwa tax-xtut ta' l-Ewropa tikkostitwixxi periklu għal-livelli ta' għixien Ewropej

Li wieħed jgħix viċin il-baħar hija ħaġa attraenti ħafna. In-nies iħarsu lejn ix-xtut bħala xi ħaġa li ma tinbidilx, iżda madankollu il-ħsara u t-tibdil irriversibbli lill-ekosistemi tax-xtut ikomplu bla waqfien. Tendenzi li hawn disponibbli juru illi tibdil fl-użu ta' l-art viċin ix-xtut huma iktar minn dawn li jseħħu band'oħra; per eżempju, it-tkabbir ta' uċuħ artifiċjali tul ix-xtut ta' l-Ewropa qed jiżdied b'rata ta' terz iktar minn dak minn postijiet 'il ġewwa mix-xtut. Dan it-tibdil huwa mifrux u dovut għal varjetà ta' fatturi — tibdil fid-demografija, ristrutturar ekonomiku, livelli ta' għixien ogħla u mudelli ta' ħin liberu u kummerċ dinji. F'Bosta reġjunijiet ta' xtut dawn il-fatturi ikkawżaw tibdil ta' malajr illi altera b'mod drastiku l-vijabilità potenzjali fuq medda twila ta' żmien ta' ekosistemi ta' xtut u s-servizzi illi dawn jipprovdu. Huwa dejjem iktar probabbli li l-impatti eżistenti fuq ekosistemi ta' xtut ser ikunu minn issa 'l quddiem iħrax minħabba l-bidla fil-klima.

L-Ekosistemi tax-xtut jipprovdu varjetà wiesgħa ta' servizzi lis-soċjetà. Dawn jinkludu servizzi ta' provvista, bħal per eżempju l-provvista ta' l-ikel, injam għall-karburanti, riżorsi ta' enerġija u prodotti naturali, u servizzi (ta' faċilitar) kulturali, bħal ma huma t-turiżmu u r-rikreazzjoni. Minbarra dan, l-ekosistemi tax-xtut joffru servizzi ta' regolazzjoni u ta' sostenn importanti, eż. stabilizzazzjoni tax-xtut u tnaqqis ta' l-impatt ta' perikli naturali jew ditossifikazzjoni ta' ilmijiet imniġġsa. Peress illi x-xtut qed ikollhom iżjed u iżjed il-funzjoni ta' 'daħla' fil-kummerċ u l-loġistika dinjija, huma saru dejjem iktar żviluppati u s-sistemi ta' l-ekosistemi ġew degradati b'riżultat ta' dan.

Dawn it-tendenzi huma importanti għaliex it-tali servizzi jirrappreżentaw parti sinifikanti tal-valur ekonomiku sħiħ taż-żoni ta' xtut. Per eżempju, ir-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar fl-Ewropa jiddependu sew fuq il-kwalità taż-żoni ta' xtut. Jekk ikun hemm xkiel f'dawn il-funzjonijiet naturali, il-proċessi ta' degradazzjoni jaċċelleraw progressivament u jaghmlu, kwalunkwe rispons possibbli da parti tas-soċjetà jkun diffiċli. Dawn il-funzjonijiet naturali ma jistgħux jiġu sostitwiti permezz tat-teknoloġija.

Minkejja illi kien hemm xi ftit suċċessi, l-ikbar parti tar-reġjunijiet ta' xtut huma fosta l-inqas inħawi ekonomikament żviluppati fl-UE. Fl-1996, 19 mill-25 post li dak iż-żmien kienu l-inqas żviluppati fost l-UE-15 kienu reġjunijiet ta' xtut u din tkompli tkun kwistjoni importanti illum fl-UE-25 imkabbra. Gżejjer żgħar huma affettwati b'mod partikolari mill-problemi soċjali u ekonomiċi (eż. migrazzjoni u nuqqas ta' infrastruttura ekonomika).

S'issa, l-iżvilupp fuq ix-xtut kien ibbażat fuq ir-ristrutturar ekonomiku. Dan ġie ottenut prinċipalment permezz tat-turiżmu u l-isplużjoni ekonomika assoċjata ma' dan fil-kostruzzjoni, speċjalment fil-Mediterran u fir-reġjunijiet ta' l-Atlantiku. Fir-reġjunijiet l-oħrajn, il-prijorità ingħatat lir-ristrutturar ekonomiku ta' l-industrija tas-sajd, minħabba

nt-tnaqqis drammatiku fil-ħażniet tal-ħut. Imbagħad, iż-żjieda fin-numru ta' portijiet u l-kwantità ta' trasport marittimu wasslu għall-ħolqien ta' xtut bħala pjattaformi loġistiċi.

Fl-istess waqt, it-tferrix ta' l-ibliet, l-iżvilupp ta' lokalitajiet ta' vaganzi u tal-portijiet, u l-akwakultura qed jaffettwaw l-ekosistemi b'mod dirett. L-Effetti tagħhom huma estiżi lil hinn mill-impatti diretti tat-tniġġis, is-sedimentazzjoni u t-tibdil fid-dinamiċi tax-xtut. Prattiċi ta' sajd distruttivi, ħsad żejjed tal-qiegħa tal-baħar fix-xtut, il-bidla fil-klima u l-fatt li l-livell tal-baħar qed jogħla huma wkoll ta' periklu importanti għall-ambjenti naturali tax-xtut, bħal per eżempju r-raba' estensiva, iż-żoni mistagħdra u l-qiegħa tal-ħaxix tal-baħar.

Minbarra dan, id-densitajiet tal-popolazzjoni fir-reġjunijiet tax-xtut huma, fuq medja, ta' 10 % ogħla mill-ekwivalenti interni tagħhom; f'xi pajjiżi dan l-ammont jilħaq saħansitra l-50 %. Agħar minn hekk, il-konverżjoni ta' inħawi naturali fuq ix-xtut għal użu artifiċjali maħduma mill-bniedem qed tiżdied b'rata ħafna ogħla mid-densità tal-popolazzjoni. Permezz tan-natura irreversibbli ta' tali tibdil, huma meqjusa bħala periklu prinċipali għas-sostenibilità taż-żoni ta' xtut. Il-bini ta' djar (l-iżjed djar sekondarji f'bosta nħawi), is-servizzi u r-rikreazzjoni huma l-fatturi prinċipali, u jikkostitwixxu 61 % ta' l-ammont ta' art ma' l-ixtut użata għal użu artifiċjali.

**Tendenzi tal-popolazzjoni bejn l-1991 u l-2001 fir-reġjunijiet tax-xtut Ewropej**




**Fonti:** EEA, 2006, ibbażat fuq iċ-ċens tal-popolazzjoni ta' l-1991 u ta' l-2001, Eurostat.

Fil-passat, il-parti l-kbira taż-żoni ta' xtut kienu kkunsidrati bħala periferali. Madankollu, illum il-ġurnata, żoni ta' xtut huma iżjed u iżjed meqjusa bħala postijiet importanti ħafna għall-iżvilupp. Jeżistu bosta żoni ta' xtut fl-Ewropa fejn il-parti ta' użu ta' l-art maħduma mill-bniedem taqbeż il-45 % ta' l-arja totali ta' l-istrixxa ta' xtut (jiġifieri sa 1 km 'l bogħod mix-xatt). L-Inħawi fejn din l-art hija użata bl-iżjed mod intensiv jinsabu fiż-żoni ta' xtut tal-Mediterran (Franza, Spanja u xi partijiet mill-Italja). Ix-xatt Atlantiku Franċiż kollu huwa wkoll ippopolat b'mod intensiv kif ukoll ir-reġjunijiet Atlantiċi Spanjoli (il-Pajjiż Bask u il-Huelva) u porzjonijiet importanti mix-xtut fil-Portugall. Bosta xtut mal-Baħar tat-Tramuntana huma wkoll mibnija b'mod intensiv (l-Olanda u l-Belġju).

Livelli ta' għixien ogħla madwar l-UE, il-liberalizzazzjoni tar-rotti ta' l-ajru Ewropej, il-fatt li b'riżultat ta' dan żdied in-numru ta' kumpanniji ta' l-ajru bl-irħis, flimkien ma' l-iżvilupp ta' konnessjonijiet trans-Ewropej bl-art u bil-ferrovija, għamlu mod li l-mobilità ta' l-Ewropej tiżdied sewwa, kif ukoll l-aċċess tagħhom għal żoni ta' xtut b'mod partikolari. Minbarra dan, iż-żjieda fid-dħul finanzjarju personali jfisser li n-nies qed jinvestu fi djar sekondarji speċjalment f'żoni ta' xtut, għaliex it-tali żoni joffru kemm valur tajjeb kif ukoll opportunitajiet ta' rikreazzjoni.

**Tibdil fil-wiċċ ta' l-art fi ħdan l-10 km ta' żoni tax-xtut tad-17-il pajjiż Ewropew, 1990–2000**




**Fonti:** EEA, 2006.

L-Iżvilupp ta' faċilitajiet u servizzi sabiex jiġu sostnuti 'persuni bi djar sekondarji' u turisti (eż. lukandi, parkijiet akwatiċi, korsijiet tal-golf u ċirkwiti tal-karts) ifisser li issa hemm ċans li bosta żoni ta' xtut jitilfu l-identità lokali tagħhom.

Ir-reġjunijiet ta' xtut qed jiffaċċjaw periklu addizjonali dovuta għall-bidla fil-klima. Għandu mnejn li l-varji pressjonijiet non-klimatiċi imsemmija hawn fuq diġà affettwaw b'mod negattiv il-vijabilità fuq medda twila ta' żmien ta' ekosistemi ta' xtut u għalhekk il-kapaċità tagħhom illi dawn jiffaċċjaw pressjonijiet addizjonali maħluqa mill-bidla fil-klima. Iż-żoni ta' inondazzjoni naturali tax-xmajjar prinċipali Ewropej diġà fil-biċċa l-kbira intilfu f'ġieħ l-iżvilupp (eż. Rhine, Elbe, Po). Xtut fuq livell baxx ukoll għaddew minn rati mgħaġġlin ta' żvilupp simili b'żjieda ta' 1 900 km$^2$ f'uċuħ artifiċjalment mibnija bejn l-1990 u s-sena 2000. Din it-tendenza ma jidhirx li qegħda tbatti. B'riżultat ta' dan, 'l hekk imsejħa 'coastal squeeze' qed tiġi esperjenzata f'bosta żoni ta' xtut. It-Terminu 'coastal squeeze' jirreferi għas-sitwazzjoni fejn il-bini u l-infrastruttura jinfirxu t-tnejn li huma u joqorbu max-xtut għad-dannu tas-sistemi naturali, li normalment itaffu l-impatt bejn il-baħar u l-art. Dan l-effett iżid il-vulnerabilità taż-żoni ta' xtut għall-bidla fil-klima u għall-għoli fil-livell tal-baħar, speċjalment matul avvenimenti

**Żona mibnija fl-istrixxa ta' xtut minn 0 km sa 1 km kontra ż-żona kollha ta' 10 km, 1990–2000**




**Fonti:** EEA, 2006.

TH-AM-06-003-MT-C

estremi, bħaż-żjieda f'daqqa tal-maltemp.

It-titjib tal-ġestjoni ta' żoni ta' xtut, speċjalment f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-ippjanar ta' l-ispazju, għandu potenzjal illi jnaqqas il-vulnerabilità tar-reġjunijiet ta' xtut għall-konsegwenzi tal-bidla fil-klima. Strateġiji nazzjonali għall-adattament għall-bidla fil-klima qegħdin jinħarġu issa f'bosta pajjiżi, u dawn joffru gwida ċara dwar kif għandha tiżdied is-saħħa naturali tax-xtut u tittejjeb is-sostenibilità. Per eżempju, il-prinċipju ta' l-irtirar ġestit, illi għandu l-iskop illi jnaqqas il-vulnerabilità ta' sistemi soċjo-ambjentali għall-impatti tal-bidla fil-klima, iservi sew l-idea bażika ta' ġestjoni tax-xtut integrata.

Mill-1995, it-tħassib dwar l-istat tax-xtut Ewropej wassal għal numru ta' inizjattivi da parti ta' l-UE, illi jibnu fuq il-kunċett ta' ġestjoni taż-żona tax-xtut integrata (ICZM — integrated coastal zone management). ICZM tipprova tibbilanċja l-bżonnijiet ta' l-iżvilupp mal-protezzjoni tar-riżorsi nnifishom illi jsostnu l-ekonomija tax-xtut. L-Objettiv speċifiku tax-xogħol ta' l-EEA huwa li tikkontribwixxi, fl-2006, għar-reviżjoni tar-Rakkomandazzjonijiet tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-implementazzjoni ta' l-ICZM (2002/413/KE). L-Istrateġija Tematika Marittima Ewropea tindirizza wkoll ix-xtut billi tippromwovi approċċ ibbażat fuq l-ekosistema u tipproponi reġjunijiet Marittimi. L-UE bdiet ukoll l-iżvilupp ta' politika Marittima. Kull żvilupp ta' politiki ġdid għandu l-potenzjal illi jikkontribwixxi għat-titjib tal-ġestjoni integrata tax-xtut u ta' l-ekosistemi tagħhom. Miżura prinċipali ta' suċċess se tkun id-disinn ta' azzjonijiet koerenti madwar dawn il-politiki u l-implementazzjoni tagħhom permezz ta' mekkaniżmi ta' governanza mtejbin.

**Mudelli ta' erożjoni tax-xtut fl-Ewropa, 2004**




**Fonti:** EEA, 2006, ibbażat fuq l-Eurosion, 2004.

## Referenzi

EEA (2006), *The changing faces of Europe's coastal areas*, Rapport EEA Nru 6/2006, Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, Kopenhagen.

European Environment Agency
Kongens Nytorv 6
1050 Copenhagen K
Denmark

Tel.: +45 33 36 71 00
Fax: +45 33 36 71 99

Web: eea.europa.eu
Enquiries: eea.europa.eu/enquiries

Publications Office

ISBN 92-9167-865-1
9 789291 678655